**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 4/18 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet ngħaqdu fiż-żwieġ hawn Malta fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) ; (certifikat anness u immarkat dok A)

Illi l-partijiet ghandhom zewg ulied L B u S B, it-tnejn minorenni; (Ċertifikat tat-twelid annessi u immarkati Dok B u C).

Illi l-partijiet permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Annalisa Caruana datat 26 ta' Novembru 2007 issepparaw minn ma xulxin; (Kopja tal-kuntratt annessa Dok D);

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata 25 ta' Frar 2016 l-intimata C B giet ordnata thallas r-retta alimentari ta tlett (€300) mitt euro lill-esponenti liema retta alimentari hija ma hiex thallas; (Sentenza annessa u immarkata dok E)

Illi altimenti l-partijiet ma humiex obbigati jhallsu manteniment lill-xulxin;

Illi l-partijiet illum il-gurnata ilhom aktar minn erba (4) snin ma jghixux flimkien f'dawn l-ahhar hames snin u illhom li isseparaw legalment aktar minn hames (5) snin;

Illi llum l-gurnata ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalkemm l-esponenti ma hux jithallas l-manteniment huwa xorta jixtieq id-divorzju minn ma l-intimata;

Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-liġi għall-ħalla taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara maħlul iż-żwieġ tiegħu ma C B u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi u jordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2018;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-mis-26 ta' Novembru 2007;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.